

Brussell, 21 ta' Diċembru 2022
(OR. en, fr)

16030/22
PV CONS 82

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
13 ta' Diċembru 2022

WERREJ

Paġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	3
	a) Lista mhux leġiżlattiva	
	b) Lista leġiżlattiva	

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

3.	Regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku.....	3
4.	Affarijiet oħra	3

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5.	Tħejjija tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2022: Konklużjonijiet	4
6.	Konklużjonijiet dwar it- tkabbir u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni	4
7.	Djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt: diskussjoni speċifika għall-pajjiż.....	4
8.	Programmazzjoni Leġiżlattiva - Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2023-2024	4
9.	Semestru Ewropew 2023 - pjan direzzjonali	4
10.	Segwitu għall-avveniment ta' feedback tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa	4
11.	Affarijiet oħra	4
	ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	5

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 15811/22.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

15821/22

a) Lista mhux leġislattiva

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 15821/22 inkluż id-dokumenti COR u REV li ġew ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

15822/22

Affarijiet Ġenerali

1. Regolament dwar il-Liġi Elettorali tal-UE

S 15490/22

Rapport ta' progress

AG

approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-7.12.2022

PE

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar il-liġi Elettorali.

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku

1C 15669/22

Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali.

Franza kif ukoll il-Ġermanja b'mod konġunt ma' Ċipru, il-Greċja, il-Kroazja, il-Lussemburgu u Spanja ppreżentaw dikjarazzjonijiet.

4. Affarijiet oħra

Xejn.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- | | | |
|----|--|--|
| 5. | Thejjiġa tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2022:
Konklużjonijiet
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 14092/22 |
| 6. | Konklużjonijiet dwar it-tkabbir u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni
<i>Approvazzjoni</i> | 15750/22 + ADD 1 |
| 7. | Djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt: diskussjoni speċifika għall-pajjiż
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 11510/22 |
| 8. | Programmazzjoni Leġiżlattiva - Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2023-2024
<i>Approvazzjoni</i> | 3 15686/22
+ ADD 1 REV 2 |
- Il-Kunsill approva d-Dikjarazzjoni Konġunta.
- Il-Ġermanja (appoġġata min-Netherlands), il-Polonja (appoġġata mill-Ungerija) u s-Slovenja (appoġġata mill-Ungerija) ippreżentaw dikjarazzjonijiet.
- | | | |
|-----|---|----------|
| 9. | Semestru Ewropew 2023 - pjan direzzjonali
<i>Preżentazzjoni mill-Presidenza u mill-Presidenza li jmiss</i> | 13683/22 |
| 10. | Segwitu għall-avveniment ta' feedback tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | |
| 11. | Affarijiet oħra | |

-
- 1 L-ewwel qari
 - S Proċedura leġislattiva speċjali
 - 3 Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
 - C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punt leġislattiv "B" li jinsab fid-dokument 15811/22

Dwar il-punt "B" **Regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku**
nru 3: *Approċċ ġenerali*

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

"Franza tilqa' l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali dwar dan ir-regolament, li l-oġettiv tiegħu huwa li jtejjeb it-trasparenza tar-reklamar politiku. Huwa importanti li ċ-ċittadini Ewropej ikollhom l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex jagħmlu għażla infurmata; dan huwa kruċjali għall-ħajja demokratika tal-Istati Membri tagħna u tal-Unjoni Ewropea. Din il-ħajja demokratika ta' spiss hija mfasla minn regoli nazzjonali li huma inseparabbli minnha, derivati mill-istorja u l-kulturi politiċi rispettivi tagħna. Franza, pereżempju, tipprojbixxi l-użu ta' kwalunkwe reklamar kummerċjali għal skopijiet ta' propoganda elettorali (art. L. 52-1 tal-Kodiċi Elettorali) matul is-sitt xhur ta' qabel elezzjoni. Huwa l-Istat li jieħu ħsieb li jintbagħat u jitqassam materjal ta' propaganda elettorali fisem il-kandidati kollha sabiex jiggarantixxi l-ugwaljanza bejniethom. Dan huwa komponent essenzjali tal-mudell elettorali Franċiż. Franza tiegħu nota tal-fatt li dan ir-regolament ma jaffettwax dan it-tip ta' dispożizzjoni nazzjonali, li mhijiex relatata mat-trasparenza tar-reklamar politiku."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ĠERMANJA, ĊIPRU, IL-GREĊJA, IL-KROAZJA, IL-LUSSEMBURGU U SPANJA

"Il-Ġermanja flimkien ma' Ċipru, il-Greċja, il-Kroazja, il-Lussemburgu u Spanja jappoġġaw l-għan tar-regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tad-demokrazija Ewropea billi fost oħrajn tissaħħaħ il-protezzjoni tad-data personali fil-kuntest tar-reklamar politiku. Fi spirtu ta' kompromess u bl-oġettiv li dawn ir-regoli l-ġodda jidħlu fis-seħħ qabel l-elezzjonijiet li ġejjin għall-Parlament Ewropew, aħna nappoġġaw l-approċċ ġenerali.

Madankollu, nieħdu nota li l-pożizzjoni tal-Kunsill taqa' lura meta mqabbla mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) u naraw il-ħtieġa għal titjib f'dan ir-rigward. Ir-regolament dwar l-użu ta' kategoriji speċjali ta' data personali (l-Artikolu 9(1) tal-GDPR) għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tad-DSA. Peress li l-użu ta' kategoriji speċjali ta' data personali mhuwiex permess għar-reklamar kummerċjali, dan irrid japplika aktar u aktar għar-reklamar politiku. L-integrità tal-proċess elettorali hija pilastru fundamentali tad-demokrazija Ewropea u għalhekk tmur lil hinn minn dak li jista' jkun soġġett għall-għażla tal-individwu billi jingħata kunsens għall-ipproċessar tad-data f'kuntest sensitiv bħal dan.

Għalhekk nippreferu projbizzjoni fuq l-użu ta' kategoriji speċjali ta' data personali (l-Artikolu 9(1) tal-GDPR) fil-kuntest tal-immirar u l-amplifikazzjoni tar-reklamar politiku. L-Artikolu 12(2) u (2a) għandu jitħassar sabiex ma jkunx permess l-użu ta' tali data, irrispettivament mill-kunsens.

Bil-ħsieb tan-negozjati interistituzzjonali li ġejjin mal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, aħna fiduċjużi li dawn l-aspetti ser jitqiesu bis-serjetà u bir-reqqa u jiġu inklużi fid-deliberazzjonijiet."

Dikjarazzjonijiet għall-punt mhux leġiżlattiv "B" li jinsab fid-dokument 15811/22

Dwar il-punt "B" nru 8:

Programmazzjoni Leġiżlattiva - Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2023-2024
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA APPOĠĠATA MIN-NETHERLANDS

"Il-Ġermanja tagħti importanza kbira lir-rieżami tal-governanza ekonomika tal-UE u ser tkompli taħdem b'mod kostruttiv fil-proċess.

Ir-regoli fiskali għandhom rwol importanti fl-UE biex jikkoordinaw il-politika fiskali fost l-istati membri. Dawn għandhom jiffukaw fuq l-oġettivi ewlenin tas-sostenibbiltà tad-dejn u tal-finanzi pubbliċi sodi. Fl-istess ħin, kwalunkwe miżura ta' konsolidazzjoni meħtieġa għandha titfassal b'tali mod li tiffaċilita t-tkabbir; dan huwa kruċjali sabiex jiġu evitati effetti negattivi fit-tul fuq il-finanzi pubbliċi u sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' investment."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA APPOĠĠATA MILL-UNGERIJA

"Il-Polonja taqbel mal-oġettiv li nkomplu niddefendu l-istat tad-dritt kif ukoll li niproteġu u nsaħħu d-demokrazija tagħna madwar l-Unjoni u li niddefendu l-valuri komuni Ewropej tagħna.

Madankollu, f'konformità mal-pożizzjoni politika u ġuridika li ilha teżisti tal-Polonja, nissottolinjaw li kwalunkwe strument jista' jappoġġa t-tiżiħ tal-istat tad-dritt biss jekk ikun debitament ibbażat fuq it-Trattati u applikat f'konformità mad-dispożizzjonijiet rispettivi tad-dritt tal-Unjoni. L-applikazzjoni ta' strumenti eżistenti ma tistax twassal għal standards doppji u għandha tirrispetta kif xieraq il-prinċipji tal-għoti tal-kompetenzi, it-trattament ugwali u l-fiduċja reċiproka kif ukoll is-sistemi konstituzzjonali, il-patrimonju ġuridiku u l-identità nazzjonali tal-Istati Membri kif previst fit-Trattati."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVENJA APPOĠĠATA MILL-UNGERIJA

"Is-Slovenja tappoġġa l-approvazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi għall-2023 u l-2024, li tirrappreżenta pass importanti lejn il-funzjonament ikkoordinat u effettiv tal-istituzzjonijiet fl-indirizzar tal-ġrajjet kurrenti u l-implimentazzjoni ta' aġenda ambizzjuża tal-UE.

Ninsabu kuntenti li l-Balkani tal-Punent jissemmew darbtejn fil-kuntest tal-proċess ta' tkabbir, iżda nixtiequ niġbdu l-attenzjoni għar-referenza impreċiża li saret fil-paragrafu 4 tad-Dikjarazzjoni Konġunta. It-terminu li ntuża – "pajjiżi kandidati" – ma jinkludi la lill-Bożnija-Herzegovina u lanqas lill-Kosovo. Għaldaqstant il-formulazzjoni teskludihom mill-kooperazzjoni bil-ħsieb tal-adeżjoni futura tagħhom mal-Unjoni."